Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,032, 4 ta' April, 2023
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XIII tal-2023

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identità tal-Ġeneru u l-Espressjoni tal-Ġeneru, Kap. 567.

ACT No. XIII of 2023

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Affirmation of Sexual Orientation, Gender Identity and Gender Expression Act, Cap. 567.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

4 ta' April, 2023

ATT Nru XIII tal-2023

ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identità tal-Ġeneru u l-Espressjoni tal-Ġeneru, Kap. 567.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identità tal-Ġeneru u l-Espressjoni tal-Ġeneru u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identità tal-Ġeneru u l-Espressjoni tal-Ġeneru, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 567.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali, fit-tifsira "professjonist", il-kliem "*social worker*, u, jew *youth worker*." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "social worker u, jew youth worker;" u minnufih wara għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "tirreklama" tfisser il-pubblikazzjoni, il-wiri, it-tixrid, il-promozzjoni, ir-riferiment, iċ-ċirkulazzjoni ta', jew l-awtorizzazzjoni għall-pubblikazzjoni, wiri, tixrid, promozzjoni, riferiment jew ċirkulazzjoni ta' kwalunkwe materjal magħmul bi kwalunkwe mezz li jindika, jew jista' raġonevolment jinftiehem li jindika, li l-persuna li qiegħda tirreklama jew tawtorizza r-reklamar tkun involuta fi prattiċi ta' konverżjoni, jew qiegħda

Verżjoni Elettronika

tiddeskrivi, tapprova, jew tippromwovi b'mod favorevoli prattiċi ta' konverżjoni.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 109 tad-29 ta' Marzu, 2023.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati